MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 214/2002/1

**REĠISTRATUR TAL-QRATI**

vs

Alfred **PIROTTA**

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta’ Frar, 2002, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-attur talab li din il-Qorti tiddikjara li l-imġiba tal-imħarrek minkejja l-ħruġ kontrih ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tammonta għal oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-istess Mandat skond l-artikolu 279 tal-kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u għalhekk għandha ssibu ħati ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tagħha skond it-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u proċedura Ċivili; u biex tikkundanna lill-imħarrek għall-pwieni indikati fl-istess Kodiċi;

Rat in-Nota ta’ Eċċezzjonijiet imressqa fil-5 t’April, 2002, li biha l-imħarrek laqa’ għall-azzjoni li saret kontrih billi qal li l-Att taċ-Ċitazzjoni ma jiswiex u għalhekk imissu jinħeles milli jibqa’ fil-kawża; laqa’ wkoll billi qal li l-azzjoni kif imressqa kontrih hija ġuridikament insostenibbli; u fl-aħħarnett laqa’ wkoll billi qal li l-pretensjonijiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk ma jmisshomx jintlaqgħu;

Rat is-sentenza tagħha tal-25 ta’ Settembru, 2003[1], li biha ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek u ordnat li l-kawża tkompli tinstema’;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta’ Jannar, 2004[2], li bih ħassret il-kawża mil-listi fuq talba tal-imħarrek għall-finijiet tal-artikolu 199(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta’ Frar, 2004, li bih reġgħet qiegħdet il-kawża fuq il-listi tas-smigħ wara talba magħmula mill-attur b’rikors tiegħu tat-28 ta’ Jannar, 2004, u wara li sar il-ħlas tad-drittijiet dovuti;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tal-14 ta’ Marzu, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal disprezz. L-attur, wara ordni li ngħata mill-Qorti (diversament presjeduta) b’Degriet tat-13 ta’ Frar, 2001[3], qiegħed jixli lill-imħarrek b’għamil li jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti. Dan jikkonsisti filli huwa jallega li l-imħarrek baqa’ għaddej b’xogħlijiet li kien ġie miżmum milli jwettaq bis-saħħa ta’

[1] Paġġ. 51 sa 60 tal-proċess
[2] Paġ. 62 tal-proċess
[3] Dok “A”, f’paġ.5 tal-proċess

Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ kontra tiegħu fid-9 ta' Novembru, 1989[4], fuq talba ta' Raymond Vella;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li għandu jinħeles milli jibqa' fil-kawża għaliex l-att taċ-Ċitazzjoni ma jiswiex; jgħid li għandu jinħeles ukoll għaliex iċ-Ċitazzjoni hija ġuridikament insostenibbli; u, fil-mertu, jwarrab ix-xiljiet magħmulin kontrih bħala infondati fil-fatt u d-dritt;

Illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari ma ntlaqgħetx b'sentenza mogħtija fil-25 ta' Settembru, 2003;

Illi din is-sentenza issa sejra tqis it-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet li fadal tal-imħarrek;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li Ray Vella kien talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-imħarrek dwar xogħlijiet (tħaffir ta' bir) li dan tal-aħħar kien qiegħed jagħmel fil-ġid tiegħu bla ma żamm id-distanzi legali. It-talba ta' Vella ntlaqgħet b'mod definittiv fid-9 ta' Novembru, 1989. Wara l-ħruġ tal-Mandat, Vella fetaħ kawża kontra l-imħarrek f'Jannar tal-1990[5], wara li l-intimat Pirotta kien tawwallu ż-żmien biex iressaqha. Fit-13 ta' Frar, 2001, Vella ressaq ir-rikors fejn talab li jittieħdu proċeduri għal disprezz tal-Qorti min-naħa tal-imħarrek billi dan baqa' għaddej bix-xogħlijiet li kien twaqqaf milli jissokta ut bi ksur tal-ordni mogħti fil-Mandat. Fil-15 ta' Frar, 2001, ingħata d-Degriet li bih l-attur tal-lum ġie ordnat jibda proċeduri kontra l-imħarrek għad-disprezz. Il-kawża nfetħet fit-22 ta' Frar, 2002;

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ iduru kollha mal-fatt li, wara l-ħruġ kontrih tal-Mandat ta' Inibizzjoni, l-imħarrek għamel xi xogħol f'dik il-parti tal-ġid tiegħu li kienet milquta bl-imsemmi Mandat. Il-fatt li sar ix-xogħol (li kien jikkonsisti fit-tisqif tal-bokka li l-imħarrek kellu l-ħsieb li jużaha bħala bir jew spiera) huwa stabilit mix-xhieda kemm tal-ġar[6] li fuq talba tiegħu kien inħareġ il-Mandat u nbdiet din il-kawża, u kif ukoll mill-imħarrek

---

[4] Inib. Nru. 1650/89, Dokti "B" u "AT1", f'paġġ. 7 sa 15 u 91 – 7 tal-proċess
[5] Ċitazz. Nru. 12/90AL (maqtugħa fit-18.10.2007 u għaddiet f'ġudikat)
[6] Xhieda ta' Raymond Vella 2.11.2004, f'paġġ. 81 – 2 tal-proċess

innifsu[7]. L-imħarrek, imma, jgħid li dak li għamel ħtieġlu jsir minħabba li l-qagħda kif kien imħolli x-xogħol meta nħareġ il-Mandat kienet waħda ta' periklu għan-nies (l-aktar ulied uliedu) li jkunu fl-inħawi. Żied jgħid li dak li sar seta' jinħatt b'ħeffa fi ftit minuti wkoll;

Illi wieħed irid bilfors iqis l-għamil tal-imħarrek fil-qafas tal-ordni mogħti mill-Qorti meta nħareġ il-Mandat. Billi d-degriet sempliċement laqa' t-talba, allura, wieħed irid iħares lejn it-talba magħmula fir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat. It-talba kienet fis-sens li l-intimat (l-imħarrek tal-lum) "*minnufih jiddesisti milli jkompli jibni u jagħmel kwalunkwe xogħol fl-istess ħofra li ġia għamel fl-istess proprieta' tiegħu, u in ġenerali sabiex jiġi inibit milli b'xi mod jagħmel kwalunkwe xogħol ieħor fl-istess bir fil-proprieta' tiegħu, li jista u ser ċertament jikkawża danni inġenti lill-esponenti kemm fil-ħajt tal-apoġġ kif ukoll fil-proprieta' tal-istess esponenti*". L-għamil tal-imħarrek irid jitkejjel kontra din it-talba. Fil-fehma tal-Qorti, ix-xogħol li għamel l-imħarrek jew qabbad lil min jagħmlu jikser dik iż-żamma li kienet il-qofol tal-Mandat;

Illi fil-każ ta' allegat ksur ta' ordni mogħti fil-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, wieħed isib dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid x'għamla ta' sanzjoni jwassal miegħu l-ksur ta' ordni bħal dik[8]. Iżda dik is-sanzjoni tagħti rimedju lill-parti li favur tagħha jkun inħareġ il-Mandat, u għalhekk kull allegat ksur ta' dik l-ordni tagħti lok ukoll għat-tmexxija 'l quddiem ta' proċeduri kif maħsuba fit-Titolu XVII tal-Kap 12. Min-naħa l-oħra, mal-medda tas-snin il-Qrati tagħna stabilew mingħajr tlaqlieq ta' xejn li min jinsab ħati ta' ksur ta' ordni ta' Qorti mogħti f'mandat ta' inibizzjoni jsir ħati ta' disprezz lejn l-awtorita' tagħha[9] ukoll jekk ikun hekk aġixxa għal raġuni li wieħed jista' jissimpatiżża magħha[10] jew fuq il-fehma li kellu xi jedd jaġixxi kif aġixxa[11]. Dan il-prinċipju jibqa' japplika wkoll fejn, wara, jirriżulta li l-mandat ta' inibizzjoni nnifsu jkun milqut minn difett li

[7] Xhieda tiegħu 2.11.2004, f'paġġ. 86 – 7 tal-proċess
[8] Ara art. 873(4) tal-Kap 12
[9] P.A. **14.3.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea noe vs Formosa*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.1023**)
[10] Kumm. **20.8.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs J. Bellizzi*** (Kollez. Vol: **XXXVII.iii.910**)
[11] P.A. RCP **8.6.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs George Żammit noe***

jagħmlu ma jiswiex, u sakemm tali mandat ma jkunx ġie mħassar[12];

Illi m'hemmx dubju li l-proċediment ta' disprezz huwa wieħed ta' natura penali[13], ukoll jekk jieħdu s-sura ta' proċeduri ċivili. Dan iġib miegħu illi kull ma tgħid il-liġi dwar dan l-istitut għandu jitħares skond il-kelma tal-liġi u l-ispirtu li jħares il-jeddijiet tal-"akkużat" f'dak kollu li jista' jitqies ta' natura penali[14]. Għalhekk mhux permess li l-istitut tar-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti jitwessa' b'analoġija, tixbih jew teħid minn min ikun ta' inizzjativa li ma hix mogħtija lilu mil-liġi. Kien minħabba f'hekk li l-bidliet fil-liġi proċedurali fl-1995 stabilew min għandu jedd jibda tali proċeduri u f'liema ċirkostanza, wara żmien twil fejn kien dibattut f'għadd ta' sentenzi l-problema tal-aġent leġittimu ta' proċeduri bħal dawn[15]. Dan ukoll minħabba l-fatt li f'każijiet li jolqtu n-nuqqas ta' tħaris ta' ordnijiet ta' qorti, l-għamil iġarrab lil dik il-qorti u mhux lil xi wieħed jew waħda mill-partijiet[16];

Illi l-liġi tfisser min għandu jibda proċeduri ta' disprezz fl-artikolu 1003A tal-Kapitolu 12. F'dak l-artikolu persuna waħda għandha din is-setgħa u dik il-persuna m'hijiex individwu privat jew persuna li tallega li nkisrulha l-jeddijiet tagħha. Dik il-persuna waħdanija mogħtija s-setgħa li tibda tali proċeduri u li titqies bħala attur fihom hija r-Reġistratur tal-Qrati. Hemm modi kif persuna li tħoss li sar kontra tagħha għamil li jista' jitqies bħala wieħed li jikkwalifika bħala disprezz lejn il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tar-Reġistratur biex jibda l-proċeduri meħtieġa, kif sar f'din il-kawża;

Illi, meqjusa fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imqanqlin mill-imħarrerk, dawn il-konsiderazzjonijiet dwar il-proċediment għad-disprezz juru li tali proċess jimxi indipendentement minn dak ċivili[17], u li l-għanijiet tiegħu jmorru lil hinn minn

[12] App. Ċiv. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri noe vs Vella*** (mhix pubblikata)
[13] App. Kumm. **28.1.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.526**)
[14] App. Ċiv. **8.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Calleja*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.186**)
[15] Ara, per eżempju, P.A. **8.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Qorti vs Cutajar et*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.705**)
[16] App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Il-Prim ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.336**)
[17] App. Ċiv. **5.10.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Degaetano noe vs Dr. Louis Galea noe et*** (mhix pubblikata)

kull kwestjoni, ewlenija jew anċillari, li wieħed jistenna li jkunu meqjusin minn Qorti jew tribunal investit bis-smigħ tal-proċess ċivili. Iżda fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha l-imħarrek jidher li daħħal argument ieħor ukoll fis-sottomissjonijiet tiegħu. Dan l-argument hu fis-sens li x-xogħlijiet li dwarhom inbdiet din il-kawża kienu xogħlijiet "temporanji" li ma jwaqqgħux l-ordni mogħtija mill-Qorti meta laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat. Il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-argument għaliex ladarba l-Mandat żamm lill-intimat milli jagħmel kull xogħol fl-ambjent milqut bl-istess Mandat, dan kien jinkludi wkoll kull xogħol li seta' ma kienx dak aħħari li l-intimat kien oriġinarjament kellu f'moħħu. F'dan ir-rigward, is-sottomissjoni tal-għaref difensur tal-attur kienet iżjed f'postha;

Illi, madankollu, kif żviluppaw iċ-ċirkostanzi tal-kwestjoni bejn il-partijiet fil-kawża dwar il-mertu, jidher li tnisslet ċirkostanza partikolari li tolqot kull provvediment li l-Qorti tista' tieħu fir-rigward tal-artikolu 873(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Minn dik il-kawża, jirriżulta li l-ħsara li Raymond Vella kien allega li kienet qegħda ssir fil-post tiegħu ma kinitx ġejja minħabba x-xogħlijiet li kien qiegħed jagħmel l-imħarrek fil-ġid tiegħu, imma minn ċirkostanzi oħrajn li għalihom kien responsabbli l-istess Vella. Dan minbarra l-fatt li l-kawża nqatgħet kontra Vella u mhux kontra l-imħarrek Pirotta. Dan iwassal għall-effett li din il-Qorti ma ssibx li x-xogħlijiet li jiffurmaw il-mertu ta' **din** il-kawża jwasslu biex il-Qorti tieħu xi provvedimenti taħt l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, imma biss dwar il-kwestjoni tan-nuqqas ta' ħarsien ta' ordni leġittimu ta' Qorti min-naħa tal-istess imħarrek;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** tal-imħarrek;

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi** billi tiddikjara li l-imħarrek naqas li jħares ordni mogħti minn Qorti u b'għamilu wettaq ksur ta' l-imsemmi ordni li kien jikkonsisti

f'Mandat ta' Inibizzjoni kontih, u għalhekk sar ħati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti;

Għall-finijiet tat-**tielet talba attriċi** u wara li rat l-artikolu 997 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imħarrek iħallas multa ta' mija u ħamsin lira (Lm 150)[18] li titħallas fi żmien xahrejn kalendarji mil-lum u li, fin-nuqqas u bi tħaddim tal-artikolu 1002 tal-istess Kodiċi, jinbidlu f'piena ta' detenzjoni ta' tletin (30) jum.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[18] € 349.40